KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.10.2009
KUMM(2009) 555 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

# DWAR L-IŻVILUPP TAS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI TA' SCHENGEN TAT-TIENI ĠENERAZZJONI (SIS II)

## Rapport ta' Progress

## Jannar 2009 - Ġunju 2009

# WERREJ


1. Introduzzjoni ..... 4
2. Fiex Wasal il-Proġett ..... 4
2.1. Progress li sar matul il-perjodu li qed jiġi analizzat ..... 4
2.1.1. Deskrizzjoni fil-qosor ..... 4
2.1.2. Preparazzjonijiet għall-migrazzjoni ..... 5
2.1.2.1. Strumenti legali tal-migrazzjoni ..... 5
2.1.2.2. Speċifikazzjoni tal-konverter ..... 5
2.1.3. In-netwerk SIS II ..... 5
2.1.4. Verifika tas-saħħa tas-sigurtà tas-SIS II ..... 6
2.1.5. Ittestjar tas-SIS II ċentrali ..... 6
2.1.5.1 Tiswija ta' difetti u ttestjar sussegwenti ..... 6
2.1.5.2 Il-perjodu ta' analiżi u tiswija ..... 7
2.1.6. Eżami mill-ġdid tal-arkitettura ..... 7
2.1.7. Ġestjoni operattiva ..... 8
3. Ġestjoni ..... 8
3.1. Implikazzjonijiet finanzjarji ..... 8
3.2. Ġestjoni tal-proġett ..... 9
3.2.1. Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm ..... 9
3.2.2. Kumitat tas-SISVIS (SIS II) ..... 9
3.2.3. Ippjanar u koordinazzjoni nazzjonali ..... 10
3.2.4. Il-Kunsill ..... 10
4. Prijoritajiet għall-perjodu li jmiss ta' rappurtaġġ ..... 10
4.1. Mod globali ta' kif jiġi ġestit il-programm ..... 10
4.2. Ittestjar ..... 11
4.2.1. L-ewwel pass importanti ..... 11
4.2.2. Lejn metodu globali ta' ttestjar ..... 11
4.2.3. Tħejjijiet għat-test globali (TG) ..... 11
4.3. Żvilupp tal-migrazzjoni ..... 12
4.4. Sigurtà u protezzjoni tad-dejta ..... 12

5. Konklużjonijiet..... 12

## 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport ta' progress jiddeskrivi x-xogħol li sar mill-Kummissjoni fl-ewwel semestru tal-2009 rigward l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) u l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II. Huwa ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II). Dan ir-rapport jikkostitwixxi wkoll rapport dwar fiex waslu t-testijiet.

## 2. FIEX WASAL IL-PROĠETT

### 2.1. Progress li sar matul il-perjodu li qed jiġi analizzat

#### *2.1.1. Deskrizzjoni fil-qosor*

Iż-żmien bejn Jannar u April 2009 intuża bħala perjodu ta' analiżi u tiswija għas-SIS II. Dan il-proċess sar wara li l-kuntrattur ewlieni inkarigat mill-iżvilupp m'għaddiex mit-Test tas-Sistemi Operattivi (TSO) f'Diċembru 2008. Matul il-perjodu ta' analiżi u tiswija għadd kbir ta' kwistjonijiet u difetti magħrufin issewwew u sar mill-ġdid eżami tekniku u fil-fond tal-arkitettura. Tfasslu jew ġew implimentati soluzzjonijiet, għalkemm xorta waħda tħallew xi ftit kwistjonijiet pendenti.

B'mod parallel u fil-qafas tal-Kunsill ġie esplorat xenarju tekniku alternattiv, biex tiġi żviluppata s-SIS II, ibbażat fuq is-SIS 1+, magħruf bħala "it-tiġdid u l-evoluzzjoni tas-SIS 1+" (SIS 1+ RE), bħala pjan ta' kontinġenza.

Fis-26-27 ta' Frar il-Kunsill talab li l-Presidenza u l-Kummissjoni, f'koperazzjoni mill-qrib mat-Task Force tas-SIS II, u f'konsultazzjoni mal-korpi relevanti, jissottomettu mill-iktar fis possibbli, imma mhux aktar tard minn Mejju, rapport b'valutazzjoni u paragun fil-fond taż-żewġ xenarji.

Ir-rapport[1] ikkonkluda li kemm il-proġett kurrenti kif ukoll ix-xenarju alternattiv SIS 1+ RE huma, taħt ċerti kundizzjonijiet, teknikament fattibbli u għandhom il-potenzjal li jilħqu l-miri tas-SIS II kif iffissati fil-qafas legali li jirregola l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tagħha.

B'dan ir-rapport bħala bażi, il-Kunsill ikkonkluda fl-4-5 ta' Ġunju li l-iżvilupp tas-SIS II se jissokta fuq il-bażi tal-proġett kurrenti tas-SIS II u li s-SIS 1+ RE se jinżamm bħala l-pjan ta' kontinġenza għal perjodu li jkun meħtieġ biex il-proġett jiġi sostnut. Il-Kunsill qabel ukoll ma' żewġ passi importanti tal-proġett. L-għan ta' dawn il-passi importanti huwa li jippruvaw l-istabbiltà, l-affidabbiltà u r-riżultati tas-SIS II ċentrali u t-tħaddim kif suppost ta' funzjonalitajiet vitali tal-qalba, bħall-konsistenza tad-dejta u t-trasferiment affidabbli tal-messaġġi, wara fażijiet sinifikattivi u importanti fl-iżvilupp tal-proġett tas-SIS II. It-testijiet relatati se jibdew hekk kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiddikjaraw li huma lesti u l-funzjoni tas-sostenn tekniku fi Strasburgu (C.SIS) tikkonferma li l-għodod għall-ittestjar tas-SIS 1+ ikunu kkwalifikati u lesti.

---

[1] Rapport fuq id-direzzjoni addizzjonali tas-SIS II

L-ewwel pass importanti huwa skedat li jseħħ wara t-test ta' kif taħdem is-sistema, li hu maħsub għar-raba' perjodu ta' tliet xhur tal-2009. It-tieni pass importanti għandu jseħħ, l-iktar kmieni, fis-sajf tal-2010, wara l-implimentazzjoni tal-ittestjar funzjonali tas-sistema ċentrali. Is-soluzzjoni alternattiva se tinżamm bħala pjan ta' kontinġenza sakemm it-testijiet iddefiniti fil-passi importanti jkunu twettqu.

*2.1.2. Preparazzjonijiet għall-migrazzjoni*

2.1.2.1. Strumenti legali tal-migrazzjoni

L-istrumenti legali li jirregolaw il-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II - ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008[2] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)[3] (l-"istrumenti tal-migrazzjoni"), ġew adottati mill-Kunsill fl-24 ta' Ottubru 2008. Iż-żewġ strumenti legali jipprevedu l-migrazzjoni għas-SIS II sat-30 ta' Settembru 2009. Jista' jkun li din id-data tiġi posposta minn deċiżjonijiet tal-komitoloġija. Jiġri x'jiġri, l-istrumenti tal-migrazzjoni jiskadu mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010. Minħabba ż-żmien meħtieġ biex tinstab soluzzjoni għal kwistjonijiet mhux solvuti, u l-ħtieġa li l-pjan jiġi adattat biex wieħed iqis il-passi importanti, la d-data inizjali għall-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II u lanqas id-data li fiha huma skedati li jiskadu l-istrumenti legali m'għadhom realistiċi. Għaldaqstant, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tissottometti, kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard minn Ottubru 2009, proposti leġiżlattivi xerqin biex jiġu emendati l-istrumenti tal-migrazzjoni.

2.1.2.2. Speċifikazzjoni tal-konverter

Ġew organizzati sessjonijiet regolari ta' diskussjoni u ħidma ta' kull xahar dwar "*Il-Migrazzjoni lejn is-SIS II*" mal-Istati Membri u l-kuntrattur ewlieni inkarigat mill-iżvilupp sabiex ikunu definiti r-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet għal konverter kif ukoll il-proċeduri tal-migrazzjoni lejn is-SIS II. Il-konverter huwa għodda teknika biex ikun jista' jkun hemm komunikazzjoni konsistenti u affidabbli bejn is-sistemi ċentrali tas-SIS 1+ u s-SIS II matul il-migrazzjoni.

Ir-rekwiżiti tal-konverter tas-SIS II tħejjew mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti tal-Istati Membri u l-kuntrattur ewlieni inkarigat mill-iżvilupp jinsab għaddej bl-iżvilupp tiegħu.

*2.1.3. In-netwerk SIS II*

Il-proġett tas-SIS II jinkludi l-fornitura ta' netwerk ta' komunikazzjoni fuq żona wiesgħa, li jissodisfa r-rekwiżiti ta' disponibbiltà, sigurtà, kopertura ġeografika u livell ta' servizz, biex is-sistemi nazzjonali u ċentrali jkunu jistgħu jikkomunikaw[4].

Il-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) 1987/2006 u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI rigward l-elementi tan-netwerk tas-SIS II li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. In-netwerk tas-SIS II inbena bl-użu tal-Kuntratt Qafas

---

2 ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.
3 ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43
4 Iridu jitlestew l-arranġamenti neċessarji għall-użu tal-kaxxa tal-ikkriptar għas-SIS II.

sTESTA (ENTR 2006 024). Is-superviżjoni tan-netwerk tas-SIS II ssir fiċ-Ċentru Operattiv tas-Servizzi (ĊoS) tal-konsorzju "Orange Business Services/HP" fi Bratislava.

In-netwerk tas-SIS II jimplimenta rekwiżiti u salvagwardji tas-sigurtà, inkluži salvagwardji tekniċi u proċedurali, sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tad-dejta tas-SIS li se titpartat permezz tan-netwerk tas-SIS II. Il-Kummissjoni tivverifika l-implimentazzjoni tagħhom regolarment.

L-Istati Membri identifikaw kwistjonijiet rigward il-binja tan-netwerk tas-SIS II u rigward dik taċ-Ċentru Operattiv tas-Servizzi, li jixtiequ jarawhom imtejbin. Fl-20 ta' April saret laqgħa ma' esperti tal-Istati Membri biex jiġu diskussi l-miżuri relatati mal-aċċess għad-dejta li huma diġà disponibbli u eżistenti, kif ukoll kwistjonijiet li jeħtieġu aktar investigazzjoni. Il-Kummissjoni staqsiet lill-kuntrattur tagħha inkarigat mill-kwalità biex jinvestiga x'soluzzjonijiet jista' jkun hemm biex dawn ir-riskji jitnaqqsu mill-perspettiva tas-sigurtà minn estremità għall-oħra. Għaddejja ħidma wkoll biex jiġu indirizzati kwistjonijiet oħrajn identifikati mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li n-netwerk tas-SIS II ikollu livell għoli ta' sigurtà.

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta se jara li l-attivitajiet ta' pproċessar ta' dejta personali tal-Awtorità tal-Ġestjoni jitwettqu skont l-istrumenti legali. L-Awtoritajiet Nazzjonali tas-Superviżjoni jimmoniterjaw b'mod indipendenti l-leġittimità tal-ipproċessar tad-dejta personali tas-SIS II fit-territorju tagħhom u t-trażmissjoni tagħha minn dak it-territorju, u l-iskambju u l-ipproċessar ulterjuri ta' informazzjoni supplimentari. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta ppreżenta s-sejbiet tiegħu rigward is-sigurtà tan-netwerk SIS II fil-laqgħa tal-Kumitat SISVIS fit-12 ta' Mejju.

2.1.4. Verifika tas-saħħa tas-sigurtà tas-SIS II

Il-verifika tas-saħħa tas-sigurtà tas-SIS II saret fis-sit ċentrali tas-SIS II fi Strasburgu f'Marzu 2009. Il-kuntrattur tal-Kummissjoni inkarigat mill-iżgurar tal-kwalità tas-sigurtà vvaluta l-implimentazzjoni attwali tas-salvagwardji tas-sigurtà deskritti fil-pjan tas-sigurtà li huma rilevanti f'dan l-istadju tal-proġett.

Ir-rapport tal-verifika tas-saħħa tas-sigurtà jipprovdi għadd ta' rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni poġġiethom f'lista skont il-prijorità u qed taħdem fuq l-iskedar tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti mal-kuntrattur ewlieni inkarigat mill-iżvilupp. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet se tiżgura li s-SIS II ċentrali tkun konformi mal-pjan tas-sigurtà qabel tmiem l-iżvilupp.

Se tiġi organizzata verifika addizzjonali tas-saħħa sabiex tiġi vvalidata l-implimentazzjoni korretta tar-rakkomandazzjonijiet b'mod li jiżgura li fil-bidu tal-migrazzjoni jintlaħaq l-aħjar livell ta' sigurtà operattiva.

*2.1.5. Ittestjar tas-SIS II ċentrali*

2.1.5.1 Tiswija ta' difetti u ttestjar sussegwenti

Qabel Jannar 2009, il-lista ta' difetti pendenti kienet taqbeż il-livell aċċettabbli. Il-verżjoni tas-softwer użata f'Marzu rnexxielha ssewwi l-biċċa l-kbira tad-difetti u ħalliet biss għadd żgħir ta' difetti assenjati lis-SIS II ċentrali, li l-maġġoranza tagħhom instabitilhom soluzzjoni f'verżjoni tas-softwer li ġiet wara u li kienet installata u ttestjata f'Mejju.

2.1.5.2 Il-perjodu ta' analiżi u tiswija

L-għan kien li, sa tmiem il-proġett, is-sistema tkun twasslet f'punt fejn ikun seħħ progress sinifikanti fuq il-kwistjonijiet kollha, i.e. id-difetti jkunu ssewwew jew, fil-każ ta' dawk li ma jkunux issewwew fil-livell nazzjonali jew f'dak ċentrali, ikun ġie identifikat b'mod ċar kemm żmien u flus ikunu meħtiġin biex jiġi ffinalizzat il-proġett kollu kemm hu.

Dan il-proċess ipprovda lill-Kummissjoni bi stima taż-żmien u tal-mezzi finanzjarji meħtiġin biex jitlesta l-proġett. Dan it-tagħrif ġie ppreżentat fid-dokument li l-Kummissjoni ħejjiet sabiex ikun jista' jsir paragun tax-xenarji tekniċi, fuq il-bażi tal-kriterji żviluppati mill-Kummissjoni u l-Kunsill.

Din il-fażi ffukat fuq il-mekkaniżmi u l-proċessi li jiġġestixxu l-komunikazzjoni u l-konsistenza bejn il-komponenti ċentrali u nazzjonali tas-SIS II, kif ukoll ir-riżultati u r-robustezza tas-soluzzjoni SIS II. Hija indirizzat il-kwistjonijiet li ġejjin:

- L-iżgurar li l-messaġġi jiġu skambjati korrettement bejn is-sistemi nazzjonali u s-SIS II ċentrali – It-testijiet wasslu għall-konklużjoni li l-messaġġi jiġu skambjati konsistentement bejn il-komponenti ċentrali u nazzjonali tas-SIS II.

- Il-konsistenza tad-dejta meta jkun hemm volum kbir ta' dejta biex jiġi ppruvat li s-sistema tiflaħ għall-proċess sħiħ tal-konsistenza tad-dejta – Il-konsistenza tad-dejta hija żgurata permezz ta' sensiela kumplessa ta' mekkaniżmi ta' kontroll u paragun. Dan l-aspett ġie eżaminat b'mod estensiv, b'mod li involva għadd li kulma jmur jiżdied ta' twissijiet u varjetà ta' Stati Membri b'implimentazzjonijiet tekniċi nazzjonali diversi.

- Il-ġestjoni tal-messaġġi u t-trażmissjonijiet – It-testijiet korrispondenti wrew li s-SIS II tiġġestixxi korrettement il-manipulazzjoni tad-dejta, it-trażmissjoni tagħha u n-notifikazzjoni; madankollu mingħajr ma tissodisfa l-ispeċifikazzjoni rikjesta rigward il-ħeffa. Il-kuntrattur inkarigat mill-iżvilupp ewlieni żviluppa diversi titjibiet li ġew inklużi f'verżjoni ġdida tas-softwer. Sabiex titneħħa l-kumplessità f'dan il-qasam il-kuntrattur ewlieni inkarigat mill-iżvilupp ippropona implimentazzjoni differenti tal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni li ġie żviluppat fi 'prova tal-kunċett' u ġie ttestjat ma' żewġ Stati Membri.

- Il-kejl tar-riżultati li tagħti s-sistema f'kundizzjonijiet differenti – Il-kuntrattur ewlieni inkarigat mill-iżvilupp ħareġ bi proposta biex jitjiebu r-riżultati ta' meta ssir talba sabiex jiġi żgurat li t-talbiet mill-fruntieri u mill-pulizija jkunu jistgħu jiġi ġestiti f'inqas minn sekonda. F'Ġunju u Lulju ġie żviluppat prototip għall-ittestjar.

- Ir-robustezza tas-sistema – It-testijiet urew li sar xi titjib f'dan ir-rigward.

Id-diversi proċessi intensivi ta' ttestjar u ta' analiżi fil-fond li saru matul il-perjodu ta' analiżi u tiswija wasslu biex jissolvew għadd kbir ta' kwistjonijiet u difetti magħrufin. Fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li għadhom mhux solvuti, ġiet identifikata kawża fundamentali u tfasslet jew ġiet implimentata soluzzjoni.

*2.1.6. Eżami mill-ġdid tal-arkitettura*

Bejn Marzu u April 2009 sar eżami komprensiv mill-ġdid tal-arkitettura minn speċjalista tat-TI. F'din l-okkażjoni, irriżulta konsensus wiesa' fost l-esperti tas-SIS II dwar l-assenza ta' difetti kbar fl-arkitettura tas-SIS II. L-arkitettura taqdi l-ħtiġijiet tas-SIS II. Il-ħardwer huwa

ta' daqs xieraq u "skalabbli" biex jiġi żgurat li s-sistema tkun tista' tikber lil hinn minn kemm huwa maħsub f'dan il-mument. F'termini ta' tfassil u implimentazzjoni, saru għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex jitjiebu ċerti aspetti tas-sistema, bħar-riżultati miksubin, l-iskalabbiltà tas-softwer u l-faċilità biex issir il-manutenzjoni. Jidher li l-arkitettura tal-messaġġ operattiv hija kumplessa żżejjed u tista' tiġi ssimplifikata.

*2.1.7. Ġestjoni operattiva*

In-negozjati li għaddejjin ma' Franza, li jkopru l-attivitajiet li għandhom jitwettqu bħala tħejjija għall-bidu tal-operat tas-sistema, u għall-allokazzjoni ta' persunal, u t-taħriġ tiegħu, għall-ġestjoni konġunta tas-SIS II, il-VIS (Sistema ta' Tagħrif tal-Viża) u l-BMS (Sistema ta' Tqabbil Bijometriku), seħħew matul il-perjodu ta' dan ir-rapport. F'Marzu 2009 ġew iffirmati l-emendi għall-kuntratti eżistenti. Kif ippjanat, l-impjegati ingaġġati bdew jattendu għal sessjonijiet ta' taħriġ tekniku. Qed jitħejja pjan ta' tranżizzjoni b'ikkowċjar prattiku.

Il-proposta għal pakkett leġiżlattiv għall-ħolqien ta' aġenzija għall-ġestjoni fuq medda twila ta' żmien ta' sistemi fuq skala kbira ta' TI fiż-żona ta' ġustizzja, libertà u sigurtà ġiet adottata mill-Kummissjoni fl-24 ta' Ġunju.

## 3. ĠESTJONI

### 3.1. Implikazzjonijiet finanzjarji

S'issa, l-impenji baġitarji totali magħmulin mill-Kummissjoni fuq il-proġett tas-SIS II jammontaw għal bejn wieħed u ieħor € 72.5 miljun. Il-kuntratti korrispondenti jinkludu studji dwar il-fattibbiltà, l-iżvilupp tas-SIS II ċentrali nnifisha, is-sostenn u l-iżgurar tal-kwalità, in-netwerk tas-SIS II, it-tħejjija għall-ġestjoni operattiva fi Strasburgu, is-sigurtà, it-tħejjijiet fir-rigward tas-sistema bijometrika u l-komunikazzjoni.

Minn dan l-ammont, € 41 miljun kienu attwalment diġà ntefqu fi tmiem Ġunju 2009. L-entrati ewlenin tan-nefqa kienu l-iżvilupp (€ 22.4 miljun), in-netwerk (€ 10.4 miljun) u s-sostenn u l-iżgurar tal-kwalità (€ 4.6 miljun).

| **Eżekuzzjoni tal-baġit** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | **Mill-2002 sa Ġunju 2009** | | **Minn Jannar sa Ġunju 2009** | |
| | **Impenji** | **Pagamenti** | **Impenji** | **Pagamenti** |
| Żvilupp | 35.927.151 | 22.448.261 | 0 | 2.792.193 |
| Żgurar tal-kwalità tal-produzzjoni | 7.660.448 | 4.655.401 | 1.092.950 | 45.934 |
| Netwerk | 21.301.901 | 10.368.609 | 1.699.871 | 3.327.614 |
| Tħejjija għall-ġestjoni operattiva | 4.946.845 | 2.482.463 | 1.204.233 | 676.570 |
| Sigurtà | 869.275 | 119.020 | 52.668 | 0 |
| Studji | 919.831 | 895.095 | 0 | 227.559 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Oħrajn | 834483 | 96525 | 786.236 | 71.639 |
| TOTAL: | 72.459.934 | 41.065.374 | 4.835.958 | 7.141.509 |

Matul il-perjodu kopert mir-rapport preżenti,

- tħallsu bejn wieħed u ieħor € 7.1 miljun, primarjament għan-netwerk (€ 3.3 miljun) u għall-ispejjeż rikorrenti ta' kull xahar;

- madwar € 4.8 miljun kienu ġew impenjati (i.e. 12% tal-approprijazzjonijiet kollha għall-attivitajiet tas-SIS II pprovduti fil-Baġit Ġenerali għall-2009). Din il-figura iktar baxxa minn dak li kien imbassar hija r-riżultat tal-fatt li l-ordnijiet għal servizzi u prodotti ġodda ġew posposti sakemm tinstab soluzzjoni għal problemi tekniċi li qamu fl-iżvilupp u fl-orjentazzjonijiet ġodda tal-Kunsill għall-proġett. Ngħidu aħna, il-Kummissjoni rrestringiet l-estensjoni tal-kuntratt tan-netwerk għal sa Settembru 2009 minflok sa tmiem is-sena. L-ammont li jifdal huwa mistenni li jiġi impenjat wara l-btajjel tas-sajf.

## 3.2. Ġestjoni tal-proġett

Il-proġett tas-SIS II wasal fi stadju ta' żvilupp u ttestjar li jirrikjedi iktar involviment min-naħa tal-Istati Membri. Għalhekk, minn Jannar 2009 'l hawn ġie adottat mod globali ta' kif isiru l-affarijiet fir-rigward tal-ġestjoni tal-programm tas-SIS II, kif ġie rrikonoxxut mill-Kunsill fis-26-27 ta' Frar. Il-Kunsill tal-4-5 ta' Ġunju stieden lill-Kummissjoni biex tibni fuq l-esperjenza u l-lezzjonijiet li nkisbu minn dik l-istruttura ta' ġestjoni u biex tiżviluppaha aktar. Dawn il-bidliet fil-ġestjoni jistgħu jiddaħħlu fi proposti għall-modifikazzjoni tal-istrumenti legali li jirregolaw il-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II.

### *3.2.1. Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm*

Il-Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm (BĠGP) ġie stabbilit mill-Kummissjoni biex jiżgura ġestjoni u koordinazzjoni mtejbin tal-proġett tas-SIS II u ta' attivitajiet relatati, inkluż l-iżgurar tal-konsistenza bejn l-iżvilupp tas-sistemi ċentrali u nazzjonali.

Il-Bord iġib flimkien, b'konformità mal-kompetenzi legalment definiti rispettivi, l-istaff tal-Kummissjoni, il-Presidenza, l-esperti tal-Istati Membri fil-qafas tat-Task Force tas-SIS II, maniġers tal-proġetti min-naħa tal-kuntrattur ewlieni inkarigat mill-iżvilupp u esperti ta' livell għoli mill-kuntrattur inkarigat mill-iżgurar tas-sostenn u l-kwalità.

Il-BĠGP iltaqa' 21 darba matul il-perjodu meqjus minn dan ir-rapport u ta sehmu b'mod pożittiv ħafna fil-ġestjoni tal-programm u żgura involviment akbar mill-Istati Membri.

### *3.2.2. Kumitat tas-SISVIS (SIS II)*

Fl-iżvilupp tas-SIS II il-Kummissjoni hija assistita mill-Kumitat tas-SISVIS. Fil-perjodu Jannar – Ġunju 2009 kien hemm seba' laqgħat tal-Kumitat tas-SISVIS dwar materji tas-SIS II.

Il-Kumitat huwa magħmul minn delegazzjonijiet tal-Istati Membri u huwa ppresjedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni. Pajjiżi assoċjati max-Schengen huma mistednin jattendu l-laqgħat tal-Kumitat b'konformità tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi tagħhom. Anki l-

Europol u l-Eurojust huma mistednin jattendu l-laqgħat bħala partijiet terzi, skont l-Artikoli 41 u 42 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI.

Barra mil-laqgħat regulari tal-Kumitat tas-SISVIS, jiġu organizzati gruppi ta' ħidma tal-Kumitat u sessjonijiet ta' diskussjoni u ħidma, li jinvolvu lill-esperti tal-Istati Membri, biex jiġu diskussi kwistjonijiet tekniċi ddettaljati. Dawn il-laqgħat ġeneralment jiffukaw fuq kwistjonijiet li jqumu minn riżultati speċifiċi tal-proġett.

– Il-"Grupp Konsultattiv tat-Testijiet" (GKT) jipprovdi lill-Kumitat tas-SISVIS b'opinjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-organizzazzjoni, l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tat-testijiet. Dan il-grupp iltaqa' 21 darba f'dan il-perjodu meqjus mir-rapport.

– Il-"Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla" (BĠB) jagħti pariri dwar il-klassifikazzjoni, il-kwalifikazzjoni u l-impatt potenzjali tat-tiswija ta' kwistjonijiet irrappurtati. Il-grupp ta' ħidma, li wkoll jirrapporta lill-Kumitat tas-SISVIS, iltaqa' sitt darbiet matul il-perjodu meqjus mir-rapport.

– Is-Sessjonijiet ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni lejn is-SIS II ilhom isiru minn mindu ħarġu l-konklużjonijiet tal-Grupp tal-Migrazzjoni, biex jagħtu pariri lill-Kumitat tas-SISVIS u biex ifittxu attivitajiet dwar din il-materja kritika.

*3.2.3. Ippjanar u koordinazzjoni nazzjonali*

Ġie organizzat fi ħdan il-qafas tal-Kumitat tas-SISVIS grupp ta' ħidma magħmul mill-maniġers nazzjonali tal-proġett (MNP) tal-Istati Membri u ta' dawk li jagħmlu użu mill-proġett. L-iskop ta' dawn il-laqgħat tal-MNP huwa li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet iddettaljati dwar l-ippjanar, ir-riskji u l-attivitajiet, kemm fuq il-livell ċentrali tal-proġett kif ukoll fuq dak nazzjonali. Matul dan il-perjodu ta' rappurtaġġ saru sitt laqgħat tal-MNP.

Permezz tat-Task Force tas-SIS II, l-Istati Membri u dawk li jagħmlu użu mill-proġett intalbu biex kull xahar iressqu rapporti lil-laqgħat tal-MNP, bil-għan li jipprovdu aġġornament iddettaljat dwar fejn ikunu waslu bl-iżvilupp tagħhom.

*3.2.4. Il-Kunsill*

Il-Kummissjoni tieħu sehem fil-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill u ta' kull Kunsill tal-Ministri responsabbli mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, u tippreżentalhom rapport bil-fomm dwar il-progress tal-proġett tas-SIS II u r-riskji assoċjati. Fil-laqgħat kollha tal-Kumitat tal-Artikolu 36 ġie ppreżentat tagħrif dwar l-istadju li kien wasal fih il-proġett tas-SIS II.

## 4. PRIJORITAJIET GĦALL-PERJODU LI JMISS TA' RAPPURTAĠĠ

### 4.1. Mod globali ta' kif jiġi ġestit il-programm

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4-5 ta' Ġunju stiednu lill-Kummissjoni biex, *"tressaq u timplimenta minnufih struttura u metodu mtejbin ta' ġestjoni tat-TI għall-proġett tas-SIS II li jibnu fuq l-esperjenza u l-lezzjonijiet miksubin mill-metodu ta' ġestjoni globali tal-programm tas-SIS II stabbilit mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26-27 ta' Frar 2009, li:*

– *jiżguraw l-ikbar trasparenza possibbli, intuwitu u parteċipazzjoni ikbar min-naħa tal-Istati Membri sabiex jiġu sodisfatti bl-aħjar mod possibbli l-ħtiġijiet tal-proġett fl-istadju ta' żvilupp u ttestjar li jinsab fih bħalissa, li jirrikjedi involviment ikbar mill-Istati Membri,*

– *ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ġestjoni ta' proġetti tat-TI fuq skala kbira, jirriflettu r-rieda komuni tal-Istati Membri kollha li jagħtu impetus ġdid lill-proġett filwaqt li jibqgħu konformi mal-istrumenti legali tas-SIS II, minħabba li huwa meqjus mill-Kusnill bħala element importanti fil-proġett.*

– *għal dan il-fini jkomplu jintegraw lill-BĠGP fl-istruttura kollha kemm hi tal-ġestjoni".*

## 4.2. Ittestjar

### *4.2.1. L-ewwel pass importanti*

It-testijiet tal-ewwel pass importanti huma skedati għar-raba' perjodu ta' tliet xhur tal-2009. Għalhekk, beda x-xogħol ta' tħejjija. Sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti preskritti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4-5 ta' Ġunju 2009, it-testijiet tal-ewwel pass importanti se jinvolvu tmien Stati Membri, li tlieta minnhom se jkunu hemm biex jidħlu minflok oħrajn f'każ ta' bżonn.

### *4.2.2. Lejn metodu globali ta' ttestjar*

It-testijiet li ilhom isiru minn April 2008 'l hawn enfasizzaw xi nuqqasijiet fil-pjan kurrenti ta' ttestjar. B'mod partikulari, xi kwistjonijiet relatati mal-fehim tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema ġew skoperti tard ħafna, wara li s-sistemi kienu ġew ikkunnettjati fl-imkien.

Sabiex tindirizza din il-problema, il-Kummissjoni se tfassal, flimkien ma' esperti mill-Istati Membri u oħrajn li jagħmlu użu mis-sistema, pjan ġdid ta' ttestjar imsejjes fuq metodu globali ta' ttestjar, li għandu jiggarantixxi l-involviment sħiħ tal-Istati Membri u ta' dawk li jagħmlu użu mis-sistema. Dan jirrifletti b'mod dirett il-metodu ġdid ta' ġestjoni mixtieq għall-proġett kollu kemm hu. Dan it-tim tal-ittestjar globali għandu jinħoloq direttament fis-sit ċentrali tas-SIS II fi Strasburgu sabiex wieħed jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-esperti tal-ittestjar mill-Istati Membri u oħrajn li jagħmlu użu mis-sistema, il-kuntratturi, kif ukoll l-operaturi futuri tas-SIS II li jkunu qed jitħarrġu fis-C.SIS. Huwa mistenni li tali metodu globali jtejjeb ir-rilevanza tat-testijiet u wkoll jgħaġġel il-fażijiet tal-ittestjar.

### *4.2.3. Tħejjijiet għat-test globali (TG)*

L-għan tat-Test Globali (TG) huwa li juri li s-SIS II ċentrali, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u l-interazzjonijiet bejn is-SIS ċentrali u s-sistemi nazzjonali (N.SIS II) jaħdmu skont ir-rekwiżiti tekniċi u funzjonali ffissati fl-istrumenti legali tas-SIS II. It-testijiet se juru wkoll li s-SIS II ċentrali, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u l-interazzjonijiet bejn is-SIS II ċentrali u s-sistemi nazzjonali (N.SIS II) jistgħu jaħdmu skont ir-rekwiżiti mhux funzjonali bħar-robustezza, id-disponibbiltà u r-riżultati. Għaddejjin diskussjonijiet tekniċi dwar kif l-aħjar jiġu evalwati r-riżultati tat-testijiet.

### 4.3. Żvilupp tal-migrazzjoni

L-iżvilupp tal-konverter għall-migrazzjoni se jissokta matul il-perjodu li jmiss ta' rappurtaġġ. Anki xi attivitajiet ta' ttestjar għandhom jibdew matul dan il-perjodu li jmiss.

### 4.4. Sigurtà u protezzjoni tad-dejta

Għadhom għaddejjin fuq bażi regulari laqgħat bilaterali bejn l-istaff tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiddiskutu kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-SIS II.

## 5. KONKLUŻJONIJIET

Id-diversi proċessi ta' ttestjar intensiv u ta' analiżi fil-fond li saru matul il-perjodu ta' analiżi u tiswija wasslu biex tinstab soluzzjoni ta' għadd kbir ta' kwistjonijiet u difetti magħrufin. Madankollu, għad fadal xi ftit kwistjonijiet pendenti. Barra minn hekk, l-eżami fil-fond mill-ġdid tal-arkitettura li sar bejn Marzu u April 2009 stabbilixxa li l-arkitettura tas-SIS II u l-idea ġenerali kienu tajbin, għalkemm kien hemm lok għal titjib.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-ĠAI tal-4-5 ta' Ġunju jipprovdu orjentazzjonijiet għall-ġejjieni tal-proġett tas-SIS II u jappoġġaw il-kontinwazzjoni tas-soluzzjoni teknika kurrenti għas-SIS II. Barra minn hekk, jiffissaw il-passi tekniċi importanti biex din is-soluzzjoni tiġi ttestjata fi stadji, filwaqt li bi prudenza jinżamm pjan ta' kontinġenza għal li jista' jinqala'.

Il-Kummissjoni, f'koperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza Żvediża, għandha l-ħsieb li ddaħħal l-aħjar struttura kollaborattiva għall-ġestjoni tal-proġetti sabiex tirrifletti l-istadju fejn ikun wasal il-proġett. Dan l-iżvilupp se jippermetti lill-esperti tal-Istati Membri jkunu assoċjati saħansitra iktar mill-qrib mal-ġestjoni tal-proġett għas-SIS II.

L-elementi meħtiġin biex jingħata impetus ġdid lill-proġett tas-SIS II għaldaqstant tpoġġew f'posthom. Xorta waħda, is-SIS II jibqa' proġett li joffri sfida, u li mhux meħlus minn riskji sinifikanti. F'dan ir-rigward, it-test tal-ewwel pass importanti, skedat għar-raba' perjodu ta' tliet xhur tal-2009, se jkun pass kruċjali biex tiġi mistħarrġa l-vijabbiltà tas-soluzzjoni teknika li qed tiġi żviluppata.

Anness I

## Laqgħat tal-Kumitat tas-SISVIS (SIS II) u tal-Gruppi ta' Ħidma

### a) Laqgħat li saru matul il-perjodu ta' rappurtaġġ

| JANNAR 2009 | |
|---|---|
| 19 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett' |
| 20 | Kumitat tas-SISVIS (Formazzjoni Teknika tas-SIS II) |
| 14 | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla |
| 6, 12 | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II |
| 15, 22,29 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |
| 13 | Maniġers tal-proġett/tat-testijiet tas-SIS II |
| 14 | Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni |
| 15 | Bord tal-Ġestjoni tal-Proġett |

| FRAR 2009 | |
|---|---|
| 2, 10, 16, 24 | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II |
| 25 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett' |
| 18 | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla / Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni |
| 26 | Kumitat SISVIS (SIS II tekniku) |
| 20 | Kumitat SISVIS (SIRENE) |
| 18 | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla |
| 5, 12, 19, 27 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |

| MARZU 2009 | |
|---|---|
| 3, 9, 17, 23 31 | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II |
| 23 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett' |
| 24 | Kumitat SISVIS (SIS II Tekniku) |

| | |
|---|---|
| 26 | Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni / Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla |
| 5, 12, 19, 26 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |
| 12 | Eżami mill-ġdid tal-white paper / Eżami mill-ġdid tal-Kodiċi u tal-Arkitettura |
| 4 | Koordinazzjoni tat-testijiet |
| 13 | Skeda Globali |

| APRIL 2009 | |
|---|---|
| 7, 21, 27 | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II / |
| 22 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett'/ Kumitat tas-SISVIS (SIS II Tekniku) |
| 21 | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla / Sessjoni teknika ta' Diskussjoni u Ħidma dwar mistoqsijiet |
| 2, 8, 16, 23, 30 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |
| 24 | Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar l-eżami mill-ġdid tal-arkitettura |

| MEJJU 2009 | |
|---|---|
| | |
| 6, 12, 19, 26 | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II |
| 12, 27 | Kumitat SISVIS (SIS II Tekniku) |
| 27 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett' |
| 7, 14, 21, 28 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |
| 13 | Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni |
| 13, 26 | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla |

| ĠUNJU 2009 | |
|---|---|
| 2, 9, | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II |
| 10 | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla / |

| | |
|---|---|
| | Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni |
| 23 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett' |
| 26 | Kumitat SISVIS (SIRENE) |
| 4, 11, 18, 25 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |

**b) Laqgħat li huma diġà skedati għall-perjodu li ġej ta' rappurtaġġ**

| LULJU 2009 | |
|---|---|
| 7, 14, 28 | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II |
| 18 | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla |
| | Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni |
| 20 | Kumitat SISVIS (SIRENE) |
| 15 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett' |
| 14 | Kumitat SISVIS (SIS II tekniku) |
| 2, 9, 16, 23, 30 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |

| SETTEMBRU 2009 | |
|---|---|
| 1, 8, 15, 22, 29 | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II |
| | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla |
| | Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni |
| 15 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett' |
| 16 | Kumitat SISVIS (SIS II tekniku) |
| 3, 10, 17, 24 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |

| OTTUBRU 2009 | |
|---|---|
| 6, 13, 20, 27 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett' |
| 21 | Kumitat SISVIS (SIS II tekniku) |
| | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla |
| | Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni |

| | |
|---|---|
| 1, 8, 15, 22, 29 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |
| 6, 13, 20, 27 | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II |

| NOVEMBRU 2009 | |
|---|---|
| 3, 10, 17, 24 | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II |
| 24 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett' |
| 25 | Kumitat SISVIS (SIS II Tekniku) |
| | Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni |
| | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla |
| 5, 12, 19, 26 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |

| DIĊEMBRU 2009 | |
|---|---|
| 1, 8, 15, 22 | Bord għall-Ġestjoni Globali tal-Programm tas-SIS II |
| 15 | Laqgħa tal-'Maniġers Nazzjonali tal-Proġett' |
| 16 | Kumitat SISVIS (SIS II Tekniku) |
| | Sessjoni ta' Diskussjoni u Ħidma dwar il-Migrazzjoni |
| | Bord tal-Ġestjoni tal-Bidla |
| 3, 10, 17 | Grupp Konsultattiv tat-Testijiet |